# KUNSILL TAL-INFERMIERA U L-QWIEBEL RAPPORT ANNWALI GĦAS-SENA 2019

Il-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel, imwaqqaf u mmexxi skont il-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa tas-sena 2003, kien magħmul minn dawn il-membri: L-Avv. Andy Ellul, is-Snra. Pauline Borg Saliba, is-Snra. Antoinette Saliba, is-Snra. Marthese Spiteri, is-Sur Geoffrey Axiak, is-Sur Vince Saliba, is-Snra. Claire Farrugia, is-Sur William Grech, is-Sur Kevin Gafa', is -Sur Mario Aquilina, is-Snra Rita Law, is-Snra. Victoria Sultana u s-Snra. Gracie Marie Mallia wara li saret elezzjoni għall membri f'Awissu 2019. Ir-Reġistratur wettqet wkoll id-dmirijiet ta' Segretarja tal-Kunsill.

Matul din is-sena il-Kunsill tlaqqa' tnax il-darba, fejn l-attendenza tal-membri kienet waħda regulari.

Kumitati ohra, appuntati mill-Kunsill tlaqqgħu b'mod regolari matul is-sena. Dawn jinkludu:

Il-Kumitat ta' Dixxiplina. Il-Kumitat tal-Proficjenza fil-Lingua u l-Professjoni. Il-Kumitat li Jivverifika l-Applikazzjonijiet tal-Infermiera, Il-Kumitat li Jivverifika l-Applikazzjonijiet tal-Qwiebel, Il-Kumitat għal "Continuing Education".

Matul is-sena 2019, il-Kunsill approva r-reġistrazzjoni ta' mija sitta u sittin infermier/a, Maltin u barranin (UE). Matul l-istess perjodu, il-Kunsill irceva mitejn tletin applicażżjoni għal registrażżjoni għal infermiera u approva mitejn wieħed u sebgin reġistrażżjoni temporanja (Infermier/a gejjin minn pajjizzi barra mill-Unjoni Ewropea). Għar-rigward il-Qwiebel, il-Kunsill approva tnax-il reġistrazzjoni ta' Qwiebel Maltin u barranin (UE).

Fir-rigward għal infermiera li ikkwalifikaw fl-pajjiżzi tat-tielet dinja, li Kunsill beda joffri mija u għoxrin siegħa ta' prattika f-serviżżji ta' saħħa locali li dawn l-applikanti qabel ma tinħareg ir-reġistrazzjoni.